KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 26.5.2010
KUMM(2010) 247 finali

ANNESS

FTEHIM

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja

dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

dokument ta' akkumpanjament għal

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja

ANNESS

FTEHIM

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja

dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

dokument ta' akkumpanjament għal

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja

TAL-UNJONI EWROPEA

minn naħa u

IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-INDONEŻJA,

(minn hawn 'il quddiem 'l-Indoneżja')

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem 'il-Partijiet')

FILWAQT LI JINNUTAW li ftehimiet bilaterali ta' servizzi tal-ajru ġew konklużi bejn diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, it-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti terzi pajjiżi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu dritt ta' sjieda fi trasportaturi bl-ajru mogħtija liċenzja f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali għal servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja, li jmorru kontra l-liġi tal-Unjoni Ewropea, iridu jinġiebu f'konformità magħha sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-

servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja u biex tiġi ppreżervata l-kontinwità ta' dawn is-servizzi tal-ajru,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, it-trasportaturi bl-ajru fil-prinċipju ma jistgħux jikkonkludu ftehimiet li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom bħala l-għan jew l-effett tagħhom li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JAGĦRFU li d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja li i) jeħtieġu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn il-kumpaniji, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' kumpaniji jew prattiki kkonċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru fuq ir-rotot rilevanti; jew ii) isaħħu l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika kkonċertata ta' dan it-tip; jew iii) jiddelegaw lit-trasportaturi bl-ajru jew lill-operaturi ekonomiċi privati oħra r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru fuq ir-rotot rilevanti jistgħu jrendu mhux effettivi r-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi,

FILWAQT LI JINNUTAW li mhuwiex għan tal-Unjoni Ewropea, bħala parti minn dawn il-ftehim, li jiżdied il-volum totali tat-traffiku tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja, jew li jiġi affettwat il-bilanċ bejn trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea u trasportaturi bl-ajru tal-Indoneżja, jew li jiġu nnegozjati emendi għad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali eżistenti tas-servizzi tal-ajru dwar drittijiet tat-traffiku.

FTEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Stati Membri" tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u "Trattati tal-UE" tfisser it-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għaċ-ċittadini tal-Istat Membru li huwa parti fil-ftehim jinftehmu bħala li qed jirreferu għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

3. Ir-referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 għat-trasportaturi tal-ajru jew għal-linji tal-ajru tal-Istat Membru li huwa parti f'dak il-ftehim għandhom jinftehmu bħala referenzi għat-trasportaturi tal-ajru jew għal-linji tal-ajru magħżulin minn dak l-Istat Membru.

ARTIKOLU 2

Dežinjazzjoni minn Stat Membru

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-dežinjazzjoni ta' trasportatur bl-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi tiegħu mogħtija mill-Indoneżja, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tat-trasportatur bl-ajru, rispettivament.

2. Meta tirċievi dożinjazzjoni mingħand Stat Membru, l-Indonożja ser tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-anqas dewmien proċedurali, dejjem sakemm:

(a) it-trasportatur bl-ajru jkun stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru li jkun qed jiddożinjah skont it-Trattati tal-UE u għandu Liċenzja Operattiva valida f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea; u

(b) kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru huwa mħaddem u miżmum mill-Istat Membru responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru tiegħu u l-awtorità ajrunawtika rilevanti tkun identifikata b'mod ċar fin-dożinjazzjoni; u

(c) it-trasportatur bl-ajru jkun sjieda, direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, u jkun ikkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini tal-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' stati oħra bħal dawn.

3. L-Indonożja tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur bl-ajru ddożinjat minn Stat Membru fejn:

(a) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru li jkun qed jiddożinjah skont it-Trattati tal-UE u ma għandux Liċenzja Operattiva valida f'konformità mal-liġi tal-Unjoni Ewropea; jew

(b) ma jitħaddimx jew ma jinżammx kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tiegħu tal-Operatur tal-Ajru, jew l-awtorità ajrunawtika rilevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fin-nomina; jew

(c) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx sjieda, direttament jew permezz ta' sjieda maġġoritarja, u ma jkunx ikkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini tal-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra; jew

(d) it-trasportatur bl-ajru jkun diġà awtorizzat li jopera fl-ambitu ta' ftehim bilaterali bejn l-Indonożja u xi Stat Membru ieħor u l-Indonożja tista' turi li, billi teżerċita d-drittijiet fuq it-traffiku skont dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt f'dak l-Istat Membru l-ieħor, tkun qed tevita r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tat-traffiku imposti minn dak il-ftehim l-ieħor; jew

(e) il-kumpanija tal-ajru ddożinjata jkollha Ċertifikat Operattiv tal-Ajru maħruġ minn Stat Membru u ma jkunx hemm ftehimiet bilaterali ta' servizzi tal-ajru bejn l-Indonożja u dak l-Istat Membru, u dak l-Istat Membru jkun ċaħad id-drittijiet tat-traffiku lill-kumpanija tal-ajru ddożinjata mill-Indonożja;

Waqt li qed teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, l-Indonożja m'għandhiex tiddiskrimina bejn it-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

ARTIKOLU 3

Sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. Fejn Stat Membru jkun iddeżinja trasportatur bl-ajru li l-kontroll regolatorju fuqu huwa mħaddem u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tal-Indoneżja skont id-dispożizzjonijiet ta' sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ddeżinja t-trasportatur bl-ajru u l-Indoneżja għandhom japplikaw b'mod ugwali fir-rigward tal-adozzjoni, it-tħaddim jew iż-żamma tal-istandards tas-sikurezza minn dak l-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-operat ta' dak it-trasportatur bl-ajru.

ARTIKOLU 4

Tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(d).

2. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness 2(d) ma għandu jżomm lil Stat Membru milli jimponi, fuq bażi mhux diskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'inġenju tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru ddeżinjat mill-Indoneżja li jopera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

ARTIKOLU 5

Kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra għall-kuntrarju, fl-ebda ftehim elenkat fl-Anness 1 ma għandu jkun hemm xejn li (i) jiffavorixxi l-adozzjoni ta’ ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta’ impriżi jew prattiki konċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni; (ii) isaħħaħ l-effetti ta’ kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika konċertata ta’ dan it-tip; jew (iii) jiddelega għand operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għat-teħid ta’ miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 li mhumiex kompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu applikati.

ARTIKOLU 6

Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 7

Reviżjoni jew emendar

Il-Partijiet jistgħu, f’kull ħin, jirrivedu jew jemendaw dan il-Ftehim b’kunsens reċiproku.

ARTIKOLU 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi meħtieġa tagħhom għad-dħul fis-seħħ tiegħu jkunu tlestew.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li japplikaw dan il-Ftehim provviżorjament mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Dan il-Ftehim għandu japplika għall-ftehimiet u l-arranġamenti oħra elenkati fl-Anness 1 inklużi dawk li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ u li ma jkunux qed jiġu applikati provviżorjament.

ARTIKOLU 9

Terminazzjoni

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness 1 jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim konċernat elenkat fl-Anness 1 għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness 1 jiġu tterminati, dan il-Ftehim għandu jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi [...] f'żewġ kopji, illum il-[...] jum ta' [...,...] bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża u Indoneżjana.

GĦALL-UNJONI EWROPEA: GĦALL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAL-INDONEŻJA:

ANNESS 1

Lista ta' ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

a) Ftehimiet ta' servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Indoneżja u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif modifikati jew emendati, li, dakinhar tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati jew inizjalati:

- Il-Ftehim tat-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern Federali Awstrijak u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** dwar it-trasport bl-ajru bi skeda, iffirmat fi Vjenna fid-19 ta' Marzu 1987, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Indoneżja – Awstrija" fl-Anness 2;

- Il-Ftehim bejn **il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn it-territorji tagħhom u lil hinn minnhom, inizjalat f'Djakarta fl-10 ta' Ottubru 1970, u mehmuż mal-Memorandum ta' Ftehim, iffirmat f'Djakarta fl-10 ta' Ottubru 1970, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Indoneżja – Belġju" fl-Anness 2

- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** għal servizzi tal-ajru bejn it-territorji rispettivi tagħhom u lil hinn minnhom, magħmul f'Jakarta fit-22 ta' Ġunju 1992, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Indoneżja – Bulgarija" fl-Anness 2;

- Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja**, iffirmat fi Praga fl-10 ta' Mejju 1972, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Indoneżja - Repubblika Ċeka" fl-Anness 2;

Immodifikat l-aħħar permezz tal-Iskambju ta' Ittri magħmul f'Djakarta fit-18 ta' Jannar 1986;

- Ftehim bejn **il-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** għal servizzi tal-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Copenhagen fit-23 ta' Ġunju 1971, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Indoneżja – Danimarka" fl-Anness 2;

- Il-Ftehim dwar servizzi tal-ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja**, magħmul f'Djakarta fis-7 ta' Novembru 1997, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Indoneżja – Finlandja" fl-Anness 2;

- Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' Franza u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** dwar is-servizzi tal-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, magħmul f'Djakarta fl-24 ta' Novembru 1967, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Indoneżja – Franza" fl-Anness 2;

- Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** dwar servizzi tal-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Djakarta fl-4 ta' Diċembru 1969, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Indoneżja-Ġermanja" fl-Anness 2;

Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja,** inizjalat f'Ateni fit-2 ta' Ġunju 2006 u mehmuż mal-Minuti Miftehma ffirmat f'Ateni fit-2 ta' Ġunju 2006;

- Ftehim dwar it-trasport bl-ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Ungerija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja**, iffirmat f'Djakarta fl-20 ta' Settembru 1994, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Indoneżja – Ungerija" fl-Anness 2;

- Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Italja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** għal servizzi tal-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Djakarta fis-7 ta' Diċembru 1966, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Indoneżja – Italja" fl-Anness 2;

- Abbozz ta' Ftehim bejn **il-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** għal servizzi tal-ajru, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Indoneżja - Lussemburgu" fl-Anness 2;

- Ftehim dwar it-trasport bl-ajru bejn **il-Gvern tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja,** iffirmat f'The Hague fit-23 ta' Novembru 1990, minn hawn 'il quddiem "ïl-Ftehim Indoneżja – Olanda" fl-Anness 2;

- Ftehim dwar it-trasport bl-ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** dwar it-trasport bl-ajru bi skeda, iffirmat f'Djakarta fit-13 ta' Diċembru 1991, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Indoneżja – Polonja" fl-Anness 2;

- Ftehim dwar servizzi tal-ajru bejn **il-Gvern tar-Rumanija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja**, iffirmat f'Djakarta fis-7 ta' settembru 1993, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Indoneżja – Rumanija" fl-Anness 2;

- Ftehim bejn **il-Gvern tar-Renju Spanjol u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** dwar is-servizzi tal-ajru bi skeda, magħmul f'Madrid fil-5 ta' Ottubru 1993, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Indoneżja-Spanja" fl-Anness 2;

- Ftehim bejn **il-Gvern tal-Isvezja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja** għal servizzi tal-ajru bejn it-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Copenhagen fit-23 ta' Ġunju 1971, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Indoneżja – Sveżja" fl-Anness 2;

- Ftehim bejn **il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tal-Indoneżja** dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Djakarta fit-28 ta' Ġunju 1973, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Indoneżja – Renju Unit" fl-Anness 2;

ANNESS 2

Lista tal-Artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 4 ta' dan il-Ftehim

(a) Dežinjazzjoni minn Stat Membru:

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Awstrija;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Belġju;

l-Artikolu III tal-Ftehim Indonežja - Bulgarija;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja-Repubblika Ċeka;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Danimarka;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Finlandja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Franza;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Ġermanja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Ungerija;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Italja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Lussemburgu;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Olanda;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Polonja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Rumanija;

l-Artikolu III tal-Ftehim Indonežja - Spanja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Svezja;

Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja-Renju Unit.

(b) Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta’ awtorizzazzjonijiet jew permessi:

l-Artikoli 3 u 4 tal-Ftehim Indonežja-Awstrija;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Belġju;

l-Artikolu IV tal-Ftehim Indonežja - Bulgarija;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja-Repubblika Ċeka;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indonežja - Danimarka;

L-Artikoli 3 u 4 tal-Ftehim Indoneżja-Finlandja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Franza;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Ġermanja;

l-Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja - Ungerija;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Italja;

l-Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja - Lussemburgu;

L-Artikoli 3 u 4 tal-Ftehim Indoneżja-Olanda;

L-Artikoli 3 u 4 tal-Ftehim Indoneżja-Polonja;

l-Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja - Rumanija;

l-Artikolu III u IV tal-Ftehim Indoneżja - Spanja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Svezja;

Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja-Renju Unit.

(c) Sikurezza:

l-Artikoli 3 u 6 tal-Ftehim Indoneżja-Awstrija;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Belġju;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja-Repubblika Ċeka;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Danimarka;

l-Artikolu 16 tal-Ftehim Indoneżja - Finlandja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Franza;

l-Artikolu dwar is-Sikurezza, tal-Ftehim Indoneżja - Ġermanja;

l-Artikolu 16 tal-Ftehim Indoneżja - Ungerija;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Italja;

l-Artikolu 6 tal-Ftehim Indoneżja - Lussemburgu;

l-Artikolu 14 tal-Ftehim Indoneżja - Olanda;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja - Polonja;

l-Artikolu VI tal-Ftehim Indoneżja - Spanja;

l-Artikolu 3 tal-Ftehim Indoneżja – Svezja.

(d) Tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni:

l-Artikolu 7 tal-Ftehim Indoneżja - Awstrija;

l-Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja - Belġju;

l-Artikolu VI tal-Ftehim Indoneżja - Bulgarija;

l-Artikolu 5 tal-Ftehim Indoneżja-Repubblika Ċeka;

l-Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja - Danimarka;

l-Artikolu 6 tal-Ftehim Indoneżja - Finlandja;

l-Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja - Franza;

l-Artikolu 5 tal-Ftehim Indoneżja - Ġermanja;

l-Artikolu 6 tal-Ftehim Indoneżja - Ungerija;

l-Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja - Italja;

l-Artikolu 8 tal-Ftehim Indoneżja - Lussemburgu;

l-Artikolu 10 tal-Ftehim Indoneżja - Olanda;

l-Artikolu 6 tal-Ftehim Indoneżja - Polonja;

l-Artikolu 9 tal-Ftehim Indoneżja - Rumanija;

l-Artikolu VIII tal-Ftehim Indoneżja - Spanja;

l-Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja - Svezja;

Artikolu 4 tal-Ftehim Indoneżja-Renju Unit.

ANNESS 3

Lista ta' stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) **Ir-Repubblika tal-Islanda** (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea)**;**

(b) **Il-Prinċipat tal-Liechtenstein** (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea)**;**

(c) **Ir-Renju tan-Norveġja** (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea)**;**

(d) **Il-Konfederazzjoni Svizzera** (skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).